TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal Ghal Talbiet tal-Konsumatur**

Alan u Cherise Borg

vs

MBL Garage Door Services Limited

CCT 100/19/MM

Illum, 19 t'Ottubru 2020

It-Tribunal

Ra l-avviż tar-rikorrenti ppreżentat fil-11 ta' Awwissu 2019 fejn talbu li ssir tiswija tal-bieb ta' garaxx ordnat mis-soċjeta' intimata, jew fin-nuqqas ir-rifużjoni tal-prezz tal-bieb u dan wara li l-istess bieb installat mis-soċjeta' intimata rriżulta li kien difettuż.

Ra r-risposta tal-intimata ppreżentata nhar it-8 ta' Jannar 2020, fejn issottomettiet illi hija kienet lesta tagħmel xogħol ta' riparazzjoni fuq dan il-bieb iżda madanakollu kienu l-istess rikorrenti li sostnew li ma jixtiequx riparazzjonijiet iżda flus lura. Illi s-soċjeta' intimata ddikjarat ukoll illi minkejja li l-bieb in kwistjoni kellu garanzija ta' sentejn, hija kienet xorta waħda lesta li twettaq ir-riparazzjonijiet neċessarji.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-proċess.

Sema' x-xhieda bil-ġurament.

Ikkunsidra

Illi mill-provi jirriżulta illi r-rikorrenti ordnaw bieb ta' garaxx mis-soċjeta' intimata, liema bieb jirriżulta li ma kienx tajjeb tant li is-soċjeta' intimata mhux biss fir-risposta tagħha kkonċediet dan iżda jirriżulta mill-provi li kien hemm diversi drabi li rappreżentanti tagħha marru fuq il-post sabiex jippruvaw jagħmlu xogħol ta' tiswija fuqu.

Ikkunsidra

Illi t-Tribunal jinnota illi għas-soċjeta' intimata ma deher ħadd meta ssejjaħ il-każ u għalhekk hija biss ir-risposta tal-istess intimata li tagħti dawl ta' kwalunkwe kontestazzjoni li l-intimata setgħa jkollha fir-rigward tat-talbiet tar-rikorrenti.

Illi dan qiegħed jiġi enfasizzat għall-żewġ raġunijiet. Fl-ewwel lok, minkejja li r-rikorrenti naqsu milli jipprovdu riċevuta għall-prezz tal-bieb in deżamina, ma saret l-ebda kontestazzjoni fir-rigward tal-ammont dikjarat fit-talba ta' € 1,384[1]. Fit-tieni lok, l-unika dokument ippreżentat mis-soċjeta' intimata, mhemuża mar-risposta tagħha, hija waħda kontradittorja fejn mhux talli ma toffriex possibilta' lir-rikorrenti għat-tiswija tal-istess bieb kif dikjarat, talli turi *email* mhux imwieġba min-naħa tar-rikorrenti Alan Borg jinforma li kien hemm ħsara fl-istess bieb kif ukoll li kien ilu diversi drabi jipprova jagħmel kuntatt mas-soċjeta' intimata.

Illi l-ammissjoni tal-istess intimata li l-bieb kellu l-ħsara, kif ukoll in-nuqqas ta' interess sabiex l-intimata tiddefendi l-kawża tagħha tagħti r-raġun lir-rikorrenti li jitwemmen li mhux talli l-bieb verament għandu l-ħsara iżda saħansitra l-intimata ma tawgurax il-kreddibilita' li hija verament ipprovat twettaq it-tiswijiet neċessarji u dan minkejja t-trepass ta' żmien konsiderevoli.

Għal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi billi jilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u jordna lis-soċjeta intimata tħallas lir-rikorrenti l-ammont ta' € 1,384. Bl-ispejjeż kontra s-soċjeta' intimata.

Martha Mifsud LL.D.

Arbitru

[1] Dan iktar u iktar fid-dawl tal-fatt li t-Tribunal għandu jaqta' l-kwistjonijiet skont kull meritu u ġustizzja sostantiva tal-każ, u skont l-ekwita'.